**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 873/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Usri Mifsud**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

"**Usri Mifsud** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben missier mhux maghruf u Stefania Mifsud xebba Mifsud ta' Nazzjonalita Maltija, mwieled il-Pieta`, fid-disgha (09) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u residenti Blk 2, Ent A, FL 7, Triq il-Pellegrinagg, Bormla, Malta, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 046040(L);

**Akkuzat talli**:

1. Nhar is-7 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' bejn is-07:00hrs u d-19:00hrs ta' filgħodu ġewwa l-Banka tal-Lottu numru POS105 sitwata fi Triq San Frangisk, Bormla u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jagħmel delitt għad-dannu ta' Johan Cremona u/jew xi persuna/i oħra u ċioè dak ta' serq mill-ħanut imsemmi li l-akkużat kien impjegat u l-ammont misruq jammonta għal iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq jiġi kkwalifikat, bil-valur u bil-persuna, u dan bi ksur tal-Artikoli 20, 261 (ċ),(d), 267, 268 (d), 279 (a), 280 (1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Johan Cremona billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha migjuba.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta tal-lum stess is-26 t'Ottubru 2023.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi fil-konfront tieghu fis-seduta tal-lum stess is-26 t'Ottubru 2023.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi tal-ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

Il-Pulizija receviet rapport minn ghand Johan Cremona ta' serq li allegatament sehh fis-7 ta' Ottubru 2023 f'xi hin matul il-gurnata mill-Banka tal-Lottu sitwata fi Triq San Frangisk, Bormla. Minn investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li l-persuna koncernata kienet l-imputat li kien ukoll impjegat fl-istess banka tal-Lottu. L-imputat tressaq bl-arrest akkuzat bl-imsemmi serq.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2023, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu, anke jekk f'dan l-istadju avvanzat tal-proceduri[1], il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-fatt illi l-imputat ghadda perjodu taz-zmien f'arrest preventiv matul dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli

[1] U dan fid-dawl tal-fatt illi f'dawn il-proceduri d-difiza naqset milli tidher f'diversi seduti. Il-Qorti tqis illi l-imputat ma ghandux jigi penalizzat ghal dan in-nuqqas.

jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Rat l-Artikoli 20, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1),15A, 532A, 532B, 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Fehmet iċ-ċirkustanzi kollha tal-imputat u wara li rat il-Liġi u l-fatti kollha miġjuba quddiemha, in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u tal-fedina penali netta tal-imputat tqis illi piena karcerarja effettiva mhux idoneja f’dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 20, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1),15A, 532A, 532B, 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **USRI MIFSUD HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu u qed (1) **Tikkundanna** lill-imputat ghal tmintax (18)-il xahar habs sospizi ghal sentejn (2); u (2) Tohrog Ordni ta’ Supervizjoni fil-konfront tal-imputat taht l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur; u (3) Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat jirrifondi l-ammont misruq ta’ elfejn (€2,000) Ewro lid-derubat u cioe` Johan Cremona u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Victor Deguara
Deputat Registratur